# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April 2001.**

**Numru 9**

**Citaz. numru 353/91 NA**

**Paul u Carmen mizzewgin Coleiro**

**vs**

**Kavallier Joseph N. Tabone bhala chairman ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta Limited u b'digriet tal-15 ta' Mejju 1997, l-isem tal-konvenut gie mibdul ghal Bank of Valletta Limited**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI ; IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni l-atturi ppremettew illi fit-2 ta' Awissu 1989 huma fethu "foreign currency call account" (numru 774829202) f'Dollari Amerikani mal-Bank konvenut fis-somma ta' tmintax-il elf dollaru Amerikan (US $ 18,000); illi permezz ta' ittra datata 21 ta' Awissu 1989, il-Bank konvenut, fuq rikjesta ta' l-atturi hareg a favur il-Kontrollur tad-Dwana garanzija (numru 9819) fis-somma ta' erbat elef sitt mija tlieta u

sebghin liri Maltin (Lm4,673) relattivament ghal hlas ta' dazju fuq karozza Pontiac Firebird li kienu importaw f'Malta l-atturi; illi il-Bank konvenut, fl-istess jum tal-21 ta' Awissu 1989, hareg wara li nforma lill-atturi, "debit advice" fejn iddebita l-imsemmi "foreign currency call account" ta' l-atturi bis-somma ta' US$ 13,021 li bir-rata ta' 2.7865 gew ekwivalenti ghal Lm4,673; illi fis-26 ta' Frar 1990 l-istess garanzija bankarja giet estiza sal-21 ta' Awissu 1990; illi fl-4 ta' Awissu 1990, il-Bank konvenut rega' avza lill-atturi biex jestendu l-validita' tal-garanzija u fin-nuqqas, "*the amount guaranteed (Lm4, 673) is to be remitted to them (i.e Kontrollur tad-Dwana) before the expiry of the guarantee*"; illi l-atturi ma tawx il-kunsens taghhom ghal tali estensjoni; illi fis-16 ta' Ottubru 1990, minghajr il-kunsens ta' l-atturi, l-Bank konvenut rega' iddebita l-kont ta' l-atturi bis-somma ta' US$2,700 ekwivalenti ghal Lm813.74 bir-rata' ta' 3.3180; illi fit-18 ta' Ottubru 1990 il-Bank konvenut ikkredita l-kont fis-somma ta' US$75.33 u fit-23 ta' Novembru 1990 ikkreduta l-istess kont fis-somma ta' US$235.18 li komplessivament huma ekwivalenti ghal Lm93.58 bir-rata ta' 3.3180; illi in vista tal-premess, l-atturi talbu li prevja d-dikjarazzjoni li l-Bank konvenut ma kellu ebda dritt li jiddebita l-"foreign currency call account" ta' l-atturi bis-somma ta' US$2,700 jigi kkundannat jhallas lill-atturi s-somma bilancjali ta' Lm720.16 flimkien ma' l-interessi ulterjuri sad-data ta' l-effettiv pagament u dan ghar-ragunijiet kif hawn fuq spjegati.

**<u>L-ECCEZZJONI TAL-KONVENUT NOMINE</u>**

2. Il-konvenut nomine eccepixxa illi t-talba ta' l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess Bank kellu kull dritt li jiddebita l-"Foreign Currency Call Account" bis-somma ta' US$2,391.49 (i.e. US$2,700 – US$308.51) biex jaghmel tajjeb ghall-garanzija de quo in vista tad-diskrepanza fir-rati tal-kambju tal-US$ bejn id-data tal-hrug tal-garanzija w id-data tat-talba ghall-hlas taht l-istess garanzija (i.e. bejn il-21 ta' Awissu 1989 l-24 ta' Awissu 1990).

3. B'digriet tas-27 ta' Mejju 1991, l-Prim'Awla tal-Qorti Civili nnominat l-assistant gudizzjarju Dott. Paul Micallef sabiex jigbor il-provi u jaghmel rapport. Dan l-inkarigu gie revokat u minflok b'digriet tat-22 ta' Ottubru 1993, gie nominat Dott. Marco Griscti perit legali li pprezenta r-relazzjoni tieghu fis-sbatax (17) ta' Marzu 1997 fejn ikkonkluda li t-talba tal-atturi ghandha tintlaqa' u l-Bank konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm720.16.

## IS-SENTENZA APPELLATA

4. B'sentenza tal-ewwel Qorti datata tletin (30) ta' Settembru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi cahdet it-talbiet attrici u l-ispejjez kollha tal-kawza hlief dawk dovuti lill-Perit ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Id-dritt inveci lill-Perit Legali ghandu jithallas totalment mis-socjeta' konvenuta.

**L-APPELL TA' L-ATTURI**

5. Illi l-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq premessa u interponew minnha lil din il-Qorti fuq l-aggravju segwenti :-

(a) Illi preliminarjament jigi osservat illi fil-valutazzjoni tal-Onor. Prim'Awla tar-rapport peritali, liema rapport, kif jinghad izjed 'il fuq, ikkonkluda illi t-talba ta' l-attur ghandha tintlaqa' u li l-Bank konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' Lm720.16, l-istess Qorti tat importanza assoluta lil tlett (3) dokumenti li l-istess Bank konvenut ipprezenta kontestwalment man-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, u dan minghajr rikors *ad hoc* u wara li kien diga' ipprezenta r-rapport tieghu l-istess Perit Legali.

Illi fl-opinjoni ta' l-atturi dawn id-dokumenti, riferiti bhala Doc. "A", "B" u "C" qatt ma setghu jittiehdu in konsiderazzjoni mill-istess Qorti stante li l-Bank konvenut ma talabx li jipprezenta dawn id-dokumenti permezz ta' rikors *ad hoc*, izda qabad u pprezentahom kontestwalment ma' nota ta' osservazzjonijiet.

(b) Jigi daqstant iehor osservat illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, a tenur ta' l-artikolu 679 tal-Kap 12, "*Meta tigi moghtija lill-periti l-fakolta li jircievu dokumenti jew li jisimghu xhieda, ma jistghux jingiebu quddiem il-Qorti dokumenti godda jew xhieda ohra dwar l-*

*oggett tal-perizja hlief fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafu (a), (b), (c), (d) u (e) tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 150 …..*"

Ghandu jinghad illi a tenur ta' l-artikolu 150 (1) (b), dokumenti jistghu jingiebu f'dan l-istadju "*meta l-Qorti tkun sodisfatta mill-htiega jew mill-utilita' li jkollha d-dokumenti quddiemha.*"

U kien a bazi ta' dan is-sub-artikolu illi l-ewwel Qorti ammettiet l-esebita ta' dawn l-istess dokumenti.

Hija l-umli opinjoni ta' l-atturi illi meta wiehed jikkonsidra id-dokument in kwistjoni, u cioe' Dokumenti "A", "B", u "C", jirrizulta illi dawn l-istess dokumenti jirreferu ghall-imghax dekorribbli fuq is-somma ta' US$13,21 mit-23 ta' Awissu 1989 sat-22 ta' Dicembru 1989, mit-23 ta' Dicembru 1989 sat-22 ta' Marzu 1990, u mit-23 ta' Marzu 1990 1990 sat-30 ta' Settembru 1990 rispettivament, u xejn izjed.

Jigi osservat illi fil-gudizzju ta' l-ewwel Qorti, dawn l-istess dokumenti jissanaw il-pozizzjoni tal-Bank, u b'konsegwenza t'hekk, l-istess Qorti dawret il-konkluzjoni milhuqa mill-Perit Legali. Bir-rispett kollu, hija l-opinjoni ta' l-atturi illi din il-valutazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet wahda zbaljata stante li l-allegazzjoni ta' l-atturi qatt ma kienet illi l-Bank usurpa jew immisapproprja s-somma ta' US$13,012. L-argument ta' l-atturi, liema argument jitqajjem ukoll mill-Perit Legali fir-rapport tieghu,

dejjem kien illi l-Bank konvenut messu kkonveerta s-somma ta' US$13,021 fl-Liri Maltin mill-ewwel u cioe' fit-21 ta' Awissu 1989, u cioe' d-data li fiha l-atturi kienu ordnaw lill-Bank biex johrog garanzija ta' Lm4, 673. Li kieku l-Ban agixxa skond l-istruzzjonijiet ta' l-atturi, li f'dan il-kuntest kienu l-mandanti ta' l-istess Bank, li l-Bank u lanqas l-atturi ma kienu jsofru d-danni li gie kkawzat minhabba varjazzjoni fil-valuta. Ghaldaqstant, bir-rispett kollu, wiehed ma jistghax jaqbel mad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li ddecidiet illi l-istess dokumenti kienu ammissibbli a tenur ta' l-artikolu 679, stante li l-istess dokumenti li gew esebiti wara il prezentata tar-rapport peritali ma kellhomx ikun daqshekk importanti fil-valutazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tax-xhieda kollha esebita u tar-rapport peritali.

(c) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi daqstant iehor osservat illi l-argument u l-lamentala tal-atturi huwa fuq il-fatt illi minkejja l-istruzzjonijiet li kienu taw lill-Bank konvenut kienu li tinhareg garanzija fl-ammont ta' Lm4,673, dawn ma gewx esegwiti mill-Bank stante li l-istess Bank qabad u halla l-ekwivalenti ta' l-istess ammont f'Dollari Amerikani f'kont separat. Kif diga' inghad, dan l-agir imur kontra l-istruzzjonijiet cari ta' l-atturi, u kien ovvju ghall-istess Bank illi jekk il-flus kienu ser jibqghu f'valuta barraija, kien ser ikun hemm xi diskrepanza meta tigi zbankata l-istess garanzija mill-beneficjarju, u dan minhabba l-fragilita' u l-incertezzi li wiehed jiltaqa' maghhom f'setturi delikati bhal ma huwa l-iskambju. Kif osserva il-Perit Legali, huwa l-interess

primarju ta' kull istituzzjoni bankarja li topera kemm jista' jkun b'mod trasparenti. Ma' dan jizdied il-punt illi fir-relazzjoni ta' l-istess Bank mal-klijent tieghu, l-Bank ghandu jaghmel dak kollu li jinhtieg ghall-beneficcju tal-klijenti tieghu, u xejn izjed. U johrog car illi b'dak li ghamel il-Bank konvenut, mhux talli ma kienx ta' beneficcju ghall-klijenti, izda serva biex l-istess klijenti jsofru dannu konsiderevoli.

Ghaldaqstant, l-atturi appellanti talbu li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq riferita u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' t-talba ta' l-esponenti, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA BANK OF VALLETTA P.L.C.</u>**

6. L-appellat nomine wiegeb hekk :-

Illi l-aggravji tal-appellanti huma nfondati fil-fatt peress illi l-Bank appellat segwa l-istruzzjonijiet tal-klijenti fl-isfond tal-normi kummercjali u partikolarment illi l-valuta f'liri Maltin ta' tali garanzija tista' tkun dik biss fid-data ta' meta tigi kristallizzata bit-talba mill-beneficjarji.

Illi l-aggravju rigward il-prezentata tad-dokumenti huwa inammissibli peress illi tali dokumenti setghu dejjem jigu pprezentati u infatti huwa

anke permess li jigu prezentati dokumenti godda mal-Petizzjoni tal-Appell – salv kull temperament li ghandu jsir dwa spejjez minhabba l-prezentata tardiva ; Infatt l-ewwel Qorti ipprovdiet billi ttemperat il-kap tal-ispejjez ; L-appellata infatti thoss li giet punita severament – forsi aktar milli kien indikat fic-cirkostanzi – ghall-produzzjoni tardiva tad-dokumenti.

Ghar-ragunijiet suesposti, kif jigu ahjar esposti fit-trattazzjoni orali, l-appellat thoss illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma in kwantu cahdet it-talbiet tal-atturi u ghalhekk umilment tissottometti illi anke l-appell odjern ghandu jigi rigettat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

7. Ikkunsidrat li l-fatti tal-vertenza fis-semplicita' taghhom kienu kif ser jinghad. L-atturi appellanti fethu kont f'valuta estera, cioe' dollari Amerikani mal-Bank konvenut. Fuq talba tal-appellanti, l-Bank appellat hareg garanzija lid-Dwana ta' Malta li jhallas l-ammont ekwivalenti f'liri Maltin ghal Lm4,673 u dan kemm-il darba l-atturi jonqsu li jhallsu d-dazju relativ fuq karozza li huma importaw f'Malta. Il-Bank allura addebita l-kont esteru bl-ammont ta' USD 13,201, liema somma kienet ekwivalenti ghall-ammont garantit ta' Lm4,673.00c u dana b'effett mill-21 ta' Awissu 1989. Il-garanzija kienet tiskadi fil-21 ta' Frar 1990 pero' jidher (ara Dok D) li din giet estiza sal-21 ta' Awissu 1990. Jirrizulta li l-

atturi ma geddewx il-validita' tal-garanzija anzi taw struzzjonijiet lill-Bank biex, minflok, ihallas lid-Dwana l-ammont ta' Lm4,673 mill-kont. Il-Bank hekk ghamel pero' addebita ulterjorment il-kont tal-atturi lill-ammont addizzjonali ta' USD 2211.49c billi sostna li r-rata tal-kambju kienet fil-frattemp inbiddlet minn dakinhar li originarjament inharget il-garanzija. Il-Bank isostni li din id-differenza kellhom igorrhuha l-atturi ghax kienet tirraprezenta u tirrifletti c-caqlieq fir-rata tal-kambju. L-atturi appellanti jsostnu invece li darba li l-Bank kien nehha mill-kont esteru taghhom surreferit l-ammont ta' USD13,201 u qalibhom f'munita Maltija in data tal-21 ta' Awissu 1989, allura ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghal dak li gie effettwat arbitrarjament mill-Bank a detriment taghhom. Il-Bank iwiegeb li kienu l-atturi stess li talbu li ma jsir ebda qlib f'liri Maltin u <u>di piu'</u>, kellhom ukoll il-prova – skond dokumenti li gew ipprezentati minnhom <u>wara</u> li giet ipprezentata u kkonfermata bil-gurament ir-relazzjoni peritali b'konkluzjoni sfavorevoli ghall-Bank – li l-atturi baqghu jippercepixxu u jircievu interessi skond ir-rati vigenti ghal dak iz-zmien <u>ghal kapital depozitat f'valuta Amerikana kompriz l-ammont mizmum mill-Bank bhala garanzija favur id-Dwana jekk ikun il-kaz.</u>

8. Illi huwa minnu li l-Bank ghazel li jhalli prova daqstant importanti bhalma kienet dik li turi li l-atturi baqghu jircievu interessi fuq l-ammont <u>kollu</u> li kellhom mal-Bank daqs li kieku kien f'dollari Amerikani ghal <u>wara</u> l-prezentata r-relazzjoni peritali, liema agir jikkostitwixxi strapp minn dak

li titlob il-ligi tal-procedura. Tali irritwalita' pero' ma twassalx necessarjament ghal nullita' jew nuqqas insanabbli specjalment meta jigi kkonsidrat li mid-data li gietipprezentata in-nota ta' osservazzjonijiet bid-dokumenti addizzjonali sakemm inghatat is-sentenza, kien hemm mill-anqas tlett differimenti u l-atturi – ara verbal tal-15 ta' Mejju 1997 – sa kellhom l-opportunita' li f'wahda minn dawn is-seduti talbu li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza. L-atturi mela kienu pjenament konsapevoli u edotti bl-ezistenza ta' dawn id-dokumenti u ma pprotestawx u ma ghamlu ebda talba biex dawn jigu sfilzati. Evidentement, kien ikun aktar korrett u in regola l-Bank konvenut li jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-produzzjoni ta' dokumenti li esebixxa tardivament. Dan kollu l-ewwel Qorti qisitu sew. Tant hu hekk, li wara li rriferiet ghall-artikolu 679 u l-artikolu 150 (1) (b) tal-Kap. 12, u dehrilha li kienet sodisfatta mill-htiega jew l-utilita' tal-imsemmija dokumenti ghal fini ta' rizoluzzjoni tal-vertenza, ghaddiet imbaghad biex tikkunsidrahom bhala parti mill-provi b'dan izda li pprovdiet b'temperament qawwi tal-kapo spese. Jinghad in fatti li minkejja li l-ewwel Qorti qalbet il-konkluzjoni raggunta mill-perit legali, u dan in parte minhabba l-prova li temergi mid-dokumenti esebiti tardivament – dehrilha opportun li takkolla l-ispejjez kollha relativi ghall-perizja fuq il-Bank konvenut, kif ukoll li taqsam nofs b'nofs l-ispejjez l-ohra gudizzjarji, u dan minkejja li t-talbiet attrici gew respinti. Illi ghalhekk jidher li in realta' l-atturi ma kienux u ma gewx sorprizi bil-fatt li l-Bank esebixxa dokumenti li juru li huma baqghu jircievu interessi daqs li kieku l-ammont kollu kien baqa'

jigi kkonsidrat ghal fini ta' hlas ta' interessi bhala li kien kollu f'dollari Amerikan – fatt li del resto jirrizulta li gie iddomandat espressament lill-attur appellant u li pero' wiegeb b'mod pjuttost evazivi u cioe',

> "Imghax fuq "foreign currency account" naf li rcevejt pero' ma nafx jekk dawn jirriferux ghal dan il-"foreign currency account" li ghadni kemm xhedt dwaru jew inkella l-iehor li ghadni kif gejt mistoqsi fuqu."

Jekk tassew kellu dubbju kull ma kellu jaghmel l-attur kien li jmur jiddomanda lill-Bank u mhux jircievi l-interessi b'rata konfacjenti ma' kont mizmum f'dollari Amerikani u ma ddomanda xejn dwaru.

9. Mill-bqija l-provi akkwiziti juru li, bil-maqlub ta' dak li ghandhom isostnu l-appellanti atturi l-Bank ma kienx qieghed jinnegozja bil-flus ta' l-atturi izda zammhom f'akkont dezinjat "Cash Collateral" b'valuta ta' dollari Amerikani in garanzija a favur il-Kontrollur tad-Dwana u bl-interessi dekorribbli mill-hrug ta' tali garanzija. Mill-"vouchers" esebiti mill-appellat nomine jirrizulta hlas ta' imghax totali ta' USD1045.64 ghall-perijodu mit-23 ta' Awissu 1989 sat-30 ta' Settembru 1990, cioe' imghax b'rata ta' izjed minn 7% <u>per annum.</u> L-atturi appellanti, min-naha l-ohra certament ma ppruvawx li huma kienu taw struzzjonijiet specifici lill-Bank konvenut li l-ammont imholli in garanzija kif fuq jinghad <u>jinhareg</u> mill-akkont esteru u <u>jinqaleb</u> f'akkont f'munita Maltija. Ghal kuntrarju, jirrizulta li kien fin-1990 li l-istess atturi taw struzzjonijiet specifici lill-Bank biex jghaddi l-ammont iggarantit lid-Dwana – u dan

kwindi jfisser ukoll li r-rata ta' kambju kellha tinhadem dakinhar tal-hlas f'munita Maltija u mhux meta giet fis-sehh il-garanzija.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-atturi appellanti bl-ispejjez relativi ghal dana l-appell ikunu a kariku taghhom, filwaqt li dawk relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha.

Dep/Reg

mg